TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 143/12/GZ

**Jacqueline Busuttil**

**vs**

**Dario Azzopardi – '3 Computer Repairs'**

Illum 1 ta' Ottubru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-8 ta' Gunju, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mija tmienja u sittin Ewro (€168.00)) rapprezentanti l-prezz li hija hallset lis-socjeta' ntimata ghall-installazzjoni ta' 'antivirus' u sabiex jizdied il-memorja fuq il-laptop taghha, pero' liema 'antivirus' u memorja ma gewx installati kif suppost.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

F'Novembru 2011 hija kienet cemplet lis-socjeta' ntimata sabiex issir taf il-prezz ta' l-'antivirus', fejn hija giet informata illi kien jiswa mija u disgha Ewro (€109.00), u li kienet tkun effettiva ghal sena. Ir-rikorrenti accettat u s-socjeta' ntimata ghamlet l-installazzjoni necessarja fuq il-laptop taghha. Wara ftit, il-laptop tar-rikorrenti beda jghidilha biex taghmel "activate", pero' ma setghatx u ghalhekk hija regghat cemplet lis-scojeta' ntimata, fejn l-istess socjeta' kienet marret tbiddel l-imsemmi 'antivirus' ghaliex kien hemm xi problema.

Fis-16 ta' Frar 2012, ir-rikorrenti ndunat li l-laptop taghha kien tbaxxa hafna l-memorja tieghu u ghalhekk hija cemplet lis-socjeta' ntimata, fejn giet informata illi kellha thallas disgha u hamsin

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Ewro (€59.00) sabiex izzid il-memorja fuq il-laptop, li r-rikorrenti accettat. Pero' wara xahrejn, l-'antivirus' reggha ndika li kien "out of date" u reggha gie ndikat illi l-memorja kienet baxxa. Ir-rikorrenti lmentat fuq dan mas-socjeta' ntimata, liema socjeta' kienet qalet illi kien impossibli ghaliha illi tibqa' gejja u sejra u li kienet lest illi tirrifuza l-prezz li kienet hallset ghall-memorja biss, u cioe' disgha u hamsin Ewro (€59.00), pero' r-rikorrenti ma accettatx u wara liema offerta s-socjeta' ntimata bdiet tinjora t-telefonati tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' ircevuta datata 17 ta' Novembru 2011 u mahruga mis-socjeta' ntimata ghall-ammont ta' mija u disgha Ewro (€109.00); kopja ta' ircevuta mahruga mis-socjeta' ntimata ghall-ammont ta' disgha u hamsin Ewro (€59.00); flimkien ma' dokumentazzjoni rigward l-'antivirus' inkwistjoni bl-isem ta' 'McAfee'.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet dokument illi juri li l-'antivirus' kien skada, li gie mmarkat bhala Dok.JB1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizz taghha lejn ir- rikorrenti konsumatur, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mija tmienja u sittin Ewro (€168.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**